

31975D0438

L 194/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

25.7.1975

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tat-3 ta' Marzu 1975****dwar il-parteciċipazzjoni tal-Komunità fil-Kummissjoni Interim stabbilita a bażi tar-riżoluzzjoni Nru III tal-konvenzjoni għall-prevenzjoni ta' tniġġis tal-baħar minn sorsi bbażati fuq l-art**

(75/438/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>;

Billi fir-riżoluzzjoni Nru III annessa mal-Att Finali tal-konvenzjoni dwar il-prevenzjoni ta' tniġġis tal-baħar minn eġġun bażati fuq l-art tal-21 ta' Frar 1974, huwa rakkomandat li l-Kummissjoni Interim tkun stabbilita, u ikun fiha rappreżentanti mill-firmatarji tal-Konvenzjoni;

Billi bid-Deċiżjoni Nru 75/437/KEE <sup>(2)</sup> din il-Konvenzjoni ingħalqet f'isem il-Komunità;

Billi ir-rappreżentant tal-Komunità fil-Kummissjoni Interim għandu għalhekk jiġi nominat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Sakemm tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni għall-prevenzjoni ta' tniġġis tal-baħar minn sorsi bbażati fuq l-art, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata li tirrapreżenta il-Komunità fil-grupp ta' ħidma imsejjaħ "Kummissjoni Interim" stabbilt a bażi tar-riżoluzzjoni Nru III anness mal-Atti Finali tal-Konvenzjoni.

Magħmula fi Brussel, it-3 Marzu 1975.

*F'isem il-Kunsill**Il-President*

J. KEATING

<sup>(1)</sup> ĠU C 127, tat-18.10.1974, p. 32.

<sup>(2)</sup> Ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.